
SUCCESS STORY

## FORUM TAL-INIZJATTIVA TAĊ-ĊITTADINI EWROPEJ

# Projbizzjoni tal-Prattiki ta’ Konverżjoni fl-Unjoni Ewropea



**LEARN** - DISCUSS - CONNECT - SEEK ADVICE



## Dwar il-“Projbizzjoni tal-Prattiki ta’ Konverżjoni”

**Projbizzjoni tal-Prattiki ta’ Konverżjoni** (isem sħiħ: **“Projbizzjoni tal-Prattiki ta’ Konverżjoni fl-Unjoni Ewropea”**) kienet it-tlettax-il Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej (IĊE) biex jinġabru b’suċċess aktar minn miljun firma valida. L-inizjattiva, li ġiet irreġistrata fl-**24 ta’ Jannar 2024**, nediet uffiċ jalment il-ġbir tal-firem fis-**17 ta’ Mejju 2024**, li huwa l-Jum Internazzjonali Kontra l-Omofobija, it-Transfobija u l-Bifobija.

Il-prattiki ta’ konverżjoni huma interventi mmirati lejn it-tibdil, ir-repressjoni jew it-trażżin tal-orjentazzjoni sesswali, l-identità tal-ġeneru u/jew l-espressjoni tal-ġeneru tal-persuni LGBTQ+. Permezz ta’ din l-inizjattiva, l-organizzaturi appellaw lill-Kummissjoni Ewropea biex tipproponi

projbizzjoni legali vinkolanti fuq il-prattiki ta' konverżjoni mmirati lejn persuni LGBTQ+ madwar l-Unjoni Ewropea. Fl-2020, Rapporteur Speċjali tan-Nazzjonijiet Uniti kkwalifika l-prattiki ta' konverż joni bħala forma ta' tortura, u għadd dejjem akbar ta' pajjiżi Ewropej minn dak iż-żmien 'l hawn introduċew projbizzjonijiet legali. Fiż-żmien meta l-inizjattiva laħqet l-għan tagħha, tmien Stati Membri tal-UE kienu diġà pprojbew dawn il-prattiki.

Wara t-tlestija b'suċċess tal-kampanja tal-ġbir tal-firem, u l-verifika tal-firem, l-inizjattiva ġiet ippreż entata formalment lill-Kummissjoni Ewropea fis-**17 ta' Novembru 2025**, flimkien ma' ċertifikati li jikkonfermaw il-validità ta' **1,128,063 firma**. Bħala parti mill-proċess ta' tweġiba tal-IĊE, l-organizzaturi ltaqgħu mal-Kummissarju għall-Preparatezza, il-Ġestjoni tal-Kriżijiet u l-Ugwaljanza, **Hadja Lahbib**, fit-12 ta' Diċembru 2025 u ppreżentaw il-proposta tagħhom fi smigħ pubbliku fil-Parlament Ewropew fit-2 ta' Marzu 2026.

Il-Kummissjoni Ewropea adottat it-tweġiba uffiċjali tagħha fit-13 ta' Mejju 2026 permezz ta' Komunikazzjoni (ara l-istqarrija għall-istampa). Fl-istess jum, il-Kummissarju Lahbib iltaqgħet mal-organizzaturi u ħarġet dikjarazzjoni pubblika (ara l-filmat).

Fil-valutazzjoni tagħha, il-Kummissjoni eżaminat il-perkorsi legali disponibbli u impenjat ruħha li tadotta Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni li tistieden lill-Istati Membri jipprojbixxu l-prattiki ta' konver żjoni. Il-Kummissjoni affermat mill-ġdid ukoll li kull membru tal-komunità LGBTIQ+ għandu jkun jista' jkun min hu u jgħix ħajtu bi kburija, ħieles mill-vjolenza, mid-diskriminazzjoni u mill-biża'.

L-inizjattiva "Projbizzjoni tal-Prattiki ta' Konverżjoni" uriet li grupp determinat ta' organizzaturi fil-livell lokali jista' jimmobilizza b'suċċess liċ-ċittadini madwar l-Ewropa, iqiegħed kwistjonijiet importanti fuq l-aġenda tal-UE, u jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għat-tfassil tal-politika tal-UE.

**Reġistrazzjoni tal-inizjattiva**

24/01/2024

**Data tal-bidu tal-ġbir**

17/05/2024

**Għeluq tal-ġbir**

17/05/2025

**Verifika**

16/06/2025

**Sottomissjoni tal-inizjattiva**

17/11/2025

**Inizjattiva mwieġba**

13/05/2026

# X’għen lil din l-inizjattiva tirnexxi fil-ġbir tal-firem?

### Tiġġieled għal dak li temmen fih

Id-determinazzjoni tal-organizzaturi kienet ċentrali għas-suċċess tal-kampanja.

### Toħloq sens ta’ komunità

Il-bini ta’ sħubijiet b’saħħithom għamel differenza sinifikanti.

### Tagħmel l-aħjar użu mill-midja soċjali

Preżenza online b’saħħitha kellha rwol ewlieni fil-kampanja.

# L-istrateġija wara l-inizjattiva

### Preparazzjoni

L-idea għall-inizjattiva “Projbizzjoni tal-Prattiki ta’ Konverżjoni” oriġinat minn Mattéo Garguilo, l-organizzatur ewlieni, meta kien għadu student tal-iskola postsekondarja, tlieta sa erba’ snin qabel ma tnediet l-inizjattiva. Madwar l-2020, il-kwistjoni tal-prattiki ta’ konverżjoni kisbet attenzjoni pubblika sinifikanti fi Franza, minn fejn ġej Mattéo. Il-prattiki ta’ konverżjoni (imsejħa wkoll terapiji ta’ konverż joni) huma interventi mmirati biex ibiddlu jew irażżnu l-orjentazzjoni sesswali, l-identità tal-ġeneru jew l-espressjoni tal-ġeneru tal-persuni LGBTQI+. Mattéo ntlaqat mill-fatt li dawn il-prattiki baqgħu legali f’ħafna pajjiżi Ewropej, bi tmienja biss mis-27 pajjiż tal-UE jintroduċu projbizzjoni legali.

Fl-istess ħin, Mattéo kien żviluppa interess qawwi fid-demokrazija parteċipattiva u l-involviment taċ-ċ ittadini, inklużi strumenti bħall-Inizjattiva ta’ Referendum Kondiviż fi Franza. Huwa rrikonoxxa l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej bħala l-għodda t-tajba biex din il-kwistjoni titressaq fil-livell Ewropew.

Biex iniedi l-inizjattiva, Mattéo waqqaf l-ACT, l-Assoċjazzjoni Ewropea Kontra t-Terapija tal-Konverżjoni, flimkien ma' żewġt iħbieb, fl-età ta' 21 sena waqt li kien qed jistudja fl-Istitut tal-Istudji Politiċi (I.E.P.) ta' Lyon.

Biex jibnu l-appoġġ għall-kampanja, Mattéo u l-kopresidenti l-oħra tal-ACT ikkuntattjaw lil organizzazzjonijiet tal-LGBTQI+ u lill-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem madwar l-Ewropa. Huma bagħtu aktar minn 500 email lill-organizzazzjonijiet biex ifittxu sħab li jixtiequ jagħmlu kampanja magħhom. Bħala organizzazzjoni li għadha kif ġiet stabbilita, inizjalment sabuha diffiċli biex jiksbu l-appoġġ ta' organizzazzjonijiet akbar. Madankollu, permezz tal-persistenza, irnexxielhom ilaqqgħu flimkien 12-il assoċjazzjoni li jiddefendu d-drittijiet tal-LGBTQI+ minn 12-il Stat Membru differenti tal-UE biex iniedu l-inizjattiva b'mod konġunt.

## Ġbir ta' fondi u riżorsi

L-organizzaturi ma rċevew l-ebda appoġġ finanzjarju għall-inizjattiva. Għalkemm ikkunsidraw li jfittxu donazzjonijiet, fl-aħħar mill-aħħar iddeċidew li ma jnedux kampanja ta' ġbir ta' fondi. Bħala tim żgħir b'ħin u kapaċità limitati, huma kkonkludew li l-ħidma amministrattiva involuta (bħat-tlestija tax-xogħol amministrattiv, il-kuntatt ma' donaturi potenzjali u l-ġestjoni tar-rekwiżiti ta' finanzjament) kienet se tiddevja riżorsi siewja mill-objettiv ewlieni tagħhom.

Minflok, l-organizzaturi għażlu li jiffukaw l-isforzi tagħhom fuq il-mobilizzazzjoni tas-sostenituri u l-ġbir tal-firem, filwaqt li pprijoritizzaw il-kampanja nnifisha fuq il-ġbir ta' fondi.

## Strateġija tal-kampanja

Il-kampanja "Projbizzjoni tal-Prattiki ta' Konverżjoni" ħadet xejra mhux mistennija matul il-perjodu tal-ġbir tal-firem. Għalkemm il-perjodu ta' ġbir fetaħ f'**Mejju 2024**, sa **April 2025** l-inizjattiva kienet ġabret biss madwar **234,000 firma**. Meta kien għad fadal biss xahar, l-organizzaturi kien għad jonqoshom jiġbru aktar minn **770,000 firma** biex jilħqu l-limitu meħtieġ.

*"Din hija l-aktar parti iebsa: li żżomm lin-nies attivi. Batejna ħafna minn dan. Ħafna NGOs waqfu jappoġġaw il-kampanja meta ma baqgħux deħlin il-firem. Huwa diffiċli li żżomm kampanja għaddejja għal sena sħiħa."* – Mattéo Garguilo

L-organizzaturi rrikonoxxew li l-prattiki ta' konverżjoni kienu għadhom kwistjoni relattivament ftit mag ħrufa meta mqabbla ma' kampanji oħra tad-drittijiet fundamentali, bħal dawk dwar id-drittijiet għall-abort, u dan jagħmilha inqas probabbli li ċ-ċittadini jappoġġaw l-inizjattiva. Din l-isfida kienet

partikolarment evidenti f’pajjiżi fejn id-drittijiet tal-persuni LGBTQI+ għadhom inqas stabbiliti, u dan jagħmilha aktar diffiċli li jiġu attirati organizzazzjonijiet sħab u li tiġi ġġenerata l-attenzjoni pubblika.

Barra minn hekk, il-kampanja kienet tiddependi kompletament fuq tim ta’ studenti voluntiera. Għalihom, it-tmexxija tal-IĊE kienet att ta’ attiviżmu mwettaq flimkien mal-istudji tagħhom. Il-media soċjali, b’mod partikolari Instagram, saret il-mezz primarju ta’ komunikazzjoni u mobilizzazzjoni tal-kampanja.

Għaxart ijiem qabel it-tmiem tal-perjodu ta’ ġbir, l-organizzaturi nedew sforz finali wieħed li ttrasforma l-kampanja. Huma bdew jikkuntattjaw kemm jista’ jkun influwenzaturi, artisti u politiċi, u talbuhom japprovaw pubblikament l-inizjattiva u jħeġġu lis-segwaċi tagħhom jiffirmawha.

Waħda mill-ewwel personalitajiet pubbliċi li wieġbu kienet il-kantanta Belġjana **Angèle**, li appellat lis-segwaċi tagħha ta’ Instagram biex jappoġġaw l-inizjattiva. Il-messaġġ tagħha kien sempliċi u interessanti: hija wiegħdet li tagħti bewsa lill-kelb famuż tagħha għal kull fan li jiffirma l-IĊE.




Source: Instagram page of “Le coin des lgbt”

Wara l-appoġġ pubbliku minn Angèle u l-kantant Franċiż **Hoshi**, ħafna artisti oħra ngħaqdu mal-kampanja. Fi żmien ftit jiem biss, l-inizjattiva kisbet madwar **500,000 firma addizzjonali**.


Kien hemm momentum simili fl-isfera politika. Permezz ta' kuntatti stabbiliti minn organizzazzjoni femminista, il-partit tax-xellug Franċiż sar l-ewwel partit politiku li appoġġa l-inizjattiva pubblikament, segwit mill-Partit Soċjalista u l-Ħodor. Fl-aħħar jum tal-kampanja, il-President Franċiż **Emmanuel Macron** ippubblika messaġġ li jappoġġa l-inizjattiva fuq il-media soċjali. Madwar 30 minuta wara, il-Prim Ministru Sloven **Robert Golob** ħeġġeġ ukoll pubblikament liċ-ċittadini biex jiffirmaw.




Source: X page of Emmanuel Macron

L-organizzaturi fittxew ukoll appoġġ mit-tim wara l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej ta' suċċess **My Voice, My Choice**. L-organizzaturi Sloveni qablu li jgħinu billi jattivaw in-network li kienu bnew matul il-kampanja tagħhom, li ftit żmien qabel kienet ġabret kważi 1.2 miljun firma.

myvoicemychoiceorg and act_lgbt




Source: Instagram page of the ‘My Voice My Choice’ initiative

Din il-kollaborazzjoni rriżulta li kienet imprezzabbli. Hija għenet biex il-kampanja tilħaq lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-Ġermanja, filwaqt li fil-Kroazja l-inizjattiva rnexxielha tilħaq il-limitu minimu nazzjonali f'jum wieħed.

*"Ladarba rnexxejna f'pajjiż wieħed, morna f'pajjiż ieħor, u bgħatna lis-segwaċi biex jilħqu lin-nies, kemm jekk influwenzaturi LGBT, kantanti LGBT, jew nisa minħabba li, b'mod ġenerali, in-nisa huma ta' appoġġ kbir għad-drittijiet LGBT."* – Mattéo Garguilo

L-organizzaturi fehmu wkoll il-qawwa tal-urġenza. Hekk kif it-tmiem taż-żmien disponibbli biex jintlaħqu l-miljun firma beda joqrob sew, aktar nies ħassewhom motivati li jipparteċipaw. Flimkien ma' attenzjoni pubblika dejjem akbar għad-drittijiet tal-LGBTQI+, dan is-sens ta' urġenza ħoloq il-momentum meħtieġ biex il-kampanja tirnexxi.

Franza saret il-bażi ta' appoġġ l-aktar b'saħħitha tal-kampanja. Aktar minn nofs il-firem kollha ġew mill-pajjiż, grazzi fil-biċċa l-kbira għall-kont Instagram **@lecoindeslgbt**, li kellu rwol ewlieni fit-tixrid tal-messaġġ tal-inizjattiva. Il-kont kien appoġġat mill-kollettiv femminista Franċiż **NousToutes**, li għen ukoll biex jiġu mobilizzati s-sostenituri u ffaċilita l-kuntatti politiċi.

*"Għenuna ħafna, u għalhekk għamilna sforz kbir fi Franza, u kellna xi kuntatti fil-politika."* – Mattéo Garguilo

L-istrateġija ħadmet. Madwar **l-4 p.m. fil-jum ta' qabel ma ntemm il-perjodu tal-ġbir**, l-inizjattiva qabżet l-istadju importanti ta' **miljun firma**. Sa meta l-kampanja għalqet uffiċjalment, kienet ġabret **aktar minn 1.2 miljun firma**.


## Il-proċess tal-ġbir u l-verifika tal-firem

L-inizjattiva "Projbizzjoni tal-Prattiki ta' Konverżjoni" fetħet uffiċjalment il-perjodu tal-ġbir tal-firem tag ħha fis-17 ta' Mejju 2024, il-Jum Internazzjonali Kontra l-Omofobija, it-Transfobija u l-Bifobija, u għalqet il-kampanja sena wara fl-istess data.

Il-biċċa l-kbira tal-firem tal-inizjattiva nġabru matul l-aħħar ġimgħa tal-kampanja, u dan juri kif il-momentum jista' jinbena malajr fl-istadji tal-għeluq ta' IĊE.

Wara tmiem il-perjodu tal-ġbir, l-inizjattiva ġiet ippreżentata formalment biex tiġi eżaminata mill-Istati Membri fis-16 ta’ Ġunju 2025. Wara li ġie konkluż il-proċess ta’ verifika, ġew ikkonfermati bħala validi 1,128,063 dikjarazzjoni ta’ appoġġ.

**L-għadd ta’ dikjarazzjonijiet ta’ appoġġ miġbura minn “Projbizzjoni tal-Prattiki ta’ Konverżjoni” għal kull Stat Membru**




*Nota: “Projbizzjoni tal-prattiki ta’ konverżjoni fl-Unjoni Ewropea” laħqet il-limiti minimi f’għaxar Stati Membri. Sors: Is-sit web tal-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej, 2026. It-tabella sħiħa bid-*

*dikjarazzjonijiet ta’ appoġġ hija disponibbli fuq* il-paġna web iddedikata tas-sit web tal-IĊE.

Matul il-kampanja, l-organizzaturi ffukaw l-isforzi tagħhom fuq pajjiżi li tradizzjonalment laħqu l-limitu nazzjonali għall-IĊE, bħal **Franza** u **Spanja**, filwaqt li mmiraw ukoll lejn Stati Membri iżgħar fejn l-appoġġ pubbliku għall-projbizzjoni ta’ prattiki ta’ konverżjoni tqies partikolarment b’saħħtu, inklużi s-**Slovenja** u l-**Irlanda**.

Wara li laħqu l-istadju importanti ta’ miljun firma, l-organizzaturi komplew il-kampanji tagħhom minflok ma waqfu immedjatament. L-għan tagħhom kien li jibnu marġni ta’ sikurezza suffiċjenti biex jagħmlu tajjeb għall-firem li jistgħu jiġu ddikjarati invalidi matul il-proċess ta’ verifika. Sa tmiem il-kampanja, huma kienu ġabru aktar minn **1.2 miljun dikjarazzjoni ta’ appoġġ**, fit-tentattiv li jiżguraw li jibqgħu aktar minn miljun firma valida wara l-verifika.

## L-impatt ta’ din l-inizjattiva

Wara s-sottomissjoni formali tal-inizjattiva, l-organizzaturi ltaqgħu mal-Kummissarju **Hadja Lahbib**, il-Kummissarju għall-Preparatezza, għall-Ġestjoni tal-Kriżijiet u għall-Ugwaljanza, fit-**12 ta’ Diċembru 2025**.



Organisers meet with the Commissioner Hadja Lahbib, Commissioner for Preparedness, Crisis Management and Equality. © European Union , 2025


Hearing at the European Commission
12th of December, 2025
BAN ON CONVERSION PRACTICES IN THE EU

Organisers at the meeting with the European Commission. © European Union, 2025

## Smigħ pubbliku tal-Parlament Ewropew

L-inizjattiva ġiet ippreżentata waqt smigħ pubbliku fil-Parlament Ewropew fit-**2 ta' Marzu 2026**. Is-smigħ ġie organizzat mill-**Kumitat LIBE** bl-involviment tal-**Kumitat għall-Petizzjonijiet (PETI)** u l-parteċipazzjoni tal-**Kumitat għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi u d-Drittijiet tan-Nisa (FEMM)**. Matul is-smigħ tal-Parlament, l-organizzaturi semmew li huma konxji sew mid-diffikultajiet involuti biex tiġi proposta leġiżlazzjoni u rreferew għall-ħruġ ta' Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni bħala miżura li tista' tipproduċi effetti malajr.




Organisers at the public hearing at the European Parliament. © European Union, 2026

Is-suġġett kompla jiġi diskuss fil-Parlament Ewropew. Fil-25 ta' Marzu 2026, il-Parlament Ewropew kellu dibattitu dwar din l-inizjattiva fis-sessjoni plenarja tiegħu (ara r-reġistrazzjoni hawnhekk). Barra minn hekk, madwar xahar wara, fid-29 ta' April 2026, il-Kumitat LIBE adotta r-rapport annwali dwar

is-sitwazzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-UE fl-2024-2025. F’dan ir-rapport, il-Kumitat qies ir-riżultati milħuqa mill-inizjattiva billi ddikjara, fil-punt 57, li “n-nuqqas ta’ proċeduri legali ta’ rikonoxximent tal-ġeneru jikkostitwixxi ksur tad-drittijiet fundamentali; *jikkundanna l-prattiki ta’ konverżjoni, bħal prattiki mmirati lejn it-tibdil, ir-repressjoni jew it-trażżin tal-orjentazzjoni sesswali, l-identità tal-ġeneru, u/jew l-espressjoni tal-ġeneru ta’ persuna, bħala ksur tad-drittijiet fundamentali, u jħeġġeġ lill-Kummissjoni tindirizzahom permezz ta’ azzjonijiet konkreti;* iħeġġeġ ukoll, f’dan ir-rigward, lill-Kummissjoni tippreżenta proposta għal att legali li jistabbilixxi projbizzjoni tal-UE fuq il-prattiki ta’ konverżjoni fl-Istati Membri kollha bħala azzjoni ta’ segwitu għall-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej “Projbizzjoni tal-prattiki ta’ konverżjoni fl-Unjoni Ewropea”;

## Reazzjoni formali tal-Kummissjoni Ewropea

Il-Kummissjoni Ewropea kienet diġà qieset u semmiet il-“Projbizzjoni tal-Prattiki ta’ Konverżjoni” fl-**Istrateġija dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ+ 2026-2030**, **adottata fit-8 ta’ Ottubru 2025.** Il-Kummissjoni ħabbret li “se tippromwovi wkoll djalogu strutturat dwar is-suġġett, b’mod partikolari permezz tal-grupp ta’ esperti dwar l-ugwaljanza tal-LGBTIQ+, taħt il-Grupp ta’ Livell Għoli dwar in-nondiskriminazzjoni, l-ugwaljanza u d-diversità. *Abbażi tas-sejbiet tal-istudju, il-Kummissjoni se tieħu azzjoni xierqa biex tiġġieled kontra l-prattiki ta’ konverżjoni, b’enfasi partikolari fuq l-appoġġ lill-Istati Membri, li għandhom rwol kritiku f’dan il-qasam. […] Fl-iżvilupp tal-approċċ tagħha għall-ġlieda kontra l-prattiki ta’ konverżjoni, il-Kummissjoni, b’mod partikolari, se tqis l-inizjattiva riċenti taċ-ċittadini Ewropej, “Projbizzjoni tal-prattiki ta’ konverżjoni fl-Unjoni Ewropea”.*

Wara dan, il-Kummissjoni Ewropea adottat ir-rispons formali tagħha għall-IĊE fit-**13 ta’ Mejju 2026** permezz ta’ Komunikazzjoni (ara l-istqarrija għall-istampa).

L-inizjattiva talbet lill-Kummissjoni tipproponi att leġiżlattiv vinkolanti li jipprojbixxi l-prattiki ta’ konverżjoni fl-Unjoni Ewropea kollha. Fil-valutazzjoni tagħha, madankollu, il-Kummissjoni kkonkludiet li tali leġiżlazzjoni l-ewwel tkun teħtieġ l-istabbiliment ta’ bażi legali ġdida permezz ta’ deċiżjoni unanima tal-Kunsill li testendi l-lista ta’ reati tal-UE (“ewroreati”), segwita mill-adozzjoni ta’ direttiva bbażata fuq dik il-bażi legali. Il-Kummissjoni qieset li l-bidu ta’ proċess bħal dan ma jkunx l-aktar mod effettiv biex jiġu miġġielda l-prattiki ta’ konverżjoni.

Għalhekk, il-Kummissjoni ħabbret li se tadotta, fl-2027, **Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni** li tħeġġeġ lill-Istati Membri jipprojbixxu l-prattiki ta’ konverżjoni. Ir-Rakkomandazzjoni se tibni fuq il-prattiki tajbin żviluppati fl-Istati Membri li diġà introduċew projbizzjonijiet legali u se titħejja permezz ta’ proċess ta’ konsultazzjoni komprensiv, inkluż mal-**Grupp ta’ Esperti dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ+** u l-**Forum ta’ Politika LGBTIQ+** il-ġdid. Il-ħidma se tibni wkoll fuq l-istudju fil-fond li għaddej dwar il-

prattiki ta’ konverżjoni, bir-riżultati mistennija fil-bidu tal-2027.

Il-Kummissarju Lahbib iltaqgħet mal-organizzaturi tal-inizjattiva fil-jum tal-adozzjoni tat-tweġiba tal-Kummissjoni, it-13 ta’ Mejju 2026, biex tispjegalhom il-kontenut tagħha. Wara l-laqgħa, il-Kummissarju Lahbib għamlet stqarrija għall-istampa li fiha qalet:

*“Lil kull persuna LGBTIQ+ li sofriet taħt dawn il-prattiki: ma kien hemm xejn ħażin fik. Qatt ma kellek bżonn li titfejjaq. Int perfett eżattament kif int. U l-Unjoni Ewropea hija mieg ħek.”*

### Impatt leġiżlattiv u segwitu

L-organizzaturi esprimew sentimenti mħallta dwar ir-rispons tal-Kummissjoni. Filwaqt li laqgħu l-kundanna ċara tal-Kummissjoni tal-prattiki ta’ konverżjoni u l-impenn tagħha li tħeġġeġ lill-Istati Membri jipprojbuhom, huma ddispjaċihom li l-Kummissjoni għażlet li ma tipproponix att leġiżlattiv vinkolanti fil-livell tal-UE.

Madankollu, l-organizzaturi u n-network tagħhom impenjaw ruħhom li jkomplu l-promozzjoni tagħ hom ta’ din il-kwistjoni u suġġetti relatati, inkluż billi jappoġġaw Inizjattivi taċ-Ċittadini Ewropej oħra li għadhom miftuħa għall-ġbir tal-firem.

## Pariri u suġġerimenti għal organizzaturi futuri

### Iddependu fuq in-networks

ACT, l-organizzazzjoni wara l-inizjattiva, kienet tikkonsisti f’żewġ organizzaturi ewlenin biss. Madankollu, in-network wiesa’ li bnew madwar l-Ewropa rriżulta bħala wieħed mill-akbar punti ta’ sa ħħa tal-kampanja. Il-ħidma mill-qrib mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, il-voluntiera, l-influwenzaturi u l-inizjattivi msieħba ppermettiet li l-kampanja tilħaq ferm lil hinn minn dak li tim żgħir bħal dan seta’ jikseb waħdu.

### Użaw il-media soċjali għall-vantaġġ tagħkom

Il-ħolqien tal-momentum kien essenzjali għas-suċċess tal-kampanja. L-organizzaturi jirrakkomandaw li jinbena sens ta’ urġenza, speċjalment fl-istadji finali tal-kampanja, u li ssir ħidma mal-influwenzaturi u l-ħallieqa tal-kontenut f’pajjiżi differenti. Ladarba kampanja tikseb viżibbiltà u involviment online, il-media soċjali tista’ tamplifika b’mod sinifikanti l-firxa tagħha u tgħin biex tattira sostenituri ġodda.

### Żviluppaw strateġija tal-kampanja bbażata fuq il-pajjiżi

Minflok ma ppruvaw jagħmlu kampanja kullimkien f’daqqa, l-organizzaturi ffukaw l-ewwel fuq l-Istati Membri fejn kienu jemmnu li kellhom l-aħjar ċans li jilħqu l-limitu minimu nazzjonali. Ladarba l-momentum ġie stabbilit f’pajjiż wieħed, huma tefgħu l-attenzjoni tagħhom fuq dak li jmiss, u ħeġġew lis-sostenituri jikkuntattjaw lil influwenzaturi lokali, artisti, personalitajiet pubbliċi u organizzazzjonijiet li jistgħu jgħinu fit-tixrid tal-messaġġ.

### Kunu ppreparati u qatt taqtgħu qalbkom

Tim impenjat li ġenwinament jemmen fil-kawża huwa essenzjali. Il-kampanja tal-IĊE teħtieġ determinazzjoni u reżiljenza, peress li l-ġbir tal-firem jista’ jieħu żvolti mhux mistennija, u l-momentum jista’ jitfaċċa fi kwalunkwe mument.

## Informazzjoni addizzjonali

Informazzjoni addizzjonali dwar “Projbizzjoni tal-Prattiki ta’ Konverżjoni” hija disponibbli fuq il-paġna ddedikata fis-sit web tal-IĊE u fuq il-paġna tal-Instagram tal-inizjattiva.